MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1288/2001/1

**Francis u Agnes konjugi Fenech**

**vs**

**George u Jane konjugi Bonello**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tlett centezmi u seba' millezmi (Lm788.03,7), ghall-xoghol ta' bini u spejjez ta' materjal li sar mill-attrici fuq inkarigu u interess tal-konvenuti fil-proprjeta` taghhom f'Attard;**

**L-atturi qed jitolbu wkoll l-ispejjez ta' l-ittra ta' l-14 ta' Marzu, 2001, l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' April, 2001 u l-imghaxijiet legali mill-istess data.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fis-7 ta' Novembru, 2001, fejn intqal:**
**Illi l-pretensjoni ta' l-atturi ghandha tigi michuda stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghar-ragunijiet segwenti:**
**i. Illi l-konvenuti hallsu ghas-saldu l-ammont dovut lill-konvenut ghax-xoghol ta' kostruzzjoni li huwa ghamel;**
**ii. Fi kwalsiasi kaz, l-ammont mitlub mill-konvenuti huwa esagerat ghax-xoghol li effettivament sar, u l-istess ammont ma kienx miftiehem bejn il-kontendenti;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Francis Fenech, Joe Micallef, George Bonello, Jane Bonello, Kevin Bonello. Ra n-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi u n-nota responsiva tal-konvenuti. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed jaghmel din il-kawza sabiex jithallas ghall-materjal li pprovda u xoghol ta' kostruzzjoni rigward il-fond "Our Dream", Triq Nutar Zarb, Attard. Il-konvenuti qed jeccepixxu li kien sar l-hlas ghas-saldu, u fit-tieni lok qed jghidu li l-ammont mitlub huwa esagerat, u li ma kienx hemm prezz miftiehem.**
**2. Jibda biex jinghad li jirrizulta li originarjament il-konvenuti kienu qabbdu lill-attur jaghmel xi xoghol ta' bini, u xhur wara qabbduh jaghmel xoghol fuq rampa, u kostruzzjoni ta' pilastri.**
**3. Gew esibiti r-ricevuti a Fol.11 u 12 tal-process datati 16 u 2 ta' Settembru, 1999, rispettivament. Dawn kienu fl-ammont ta' tlett mitt lira kull wahda. Fit-tieni ricevuta hemm imnizzel li dan hu "t-tieni u l-ahhar pagament". F'dan il-kuntest il-konvenut qed jghid li ma kien ghad hemm xejn aktar dovut. Pero` it-Tribunal innota li dawn ir-ricevuti, kif qed jigi sottomess mill-attur, jirreferu ghall-xoghol li kien sar precedentement, ossija x-xoghol ta' konkos u xibka.**

**Ghalhekk f'dan is-sens hija insostenibbli l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.**

**4. Skond ma xehed l-attur wara dan ix-xoghol kien sar xoghol iehor, konsistenti f'bini ta' pilastri, hmistax-il jum xoghol dwar tqattigh ta' gebel, kif ukoll provizjon ta' ramel, ghoti ta qatran, u cangatura, gakkijiet, travetti u injam. Qabel ma rega' beda dan ix-xoghol ma kienux tkellmu dwar prezz. L-attur hareg kont a bazi ta' kalkolu li ghamel hu. L-attur ipproduca bhala xhud dwar il-kont lil Joe Micallef, li kien imqabbad mill-attur dwar id-disinn. Dana ftit li xejn ghandu rilevanza fil-kaz, in kwantu, dan ibbaza l-maggor parti tal-kalkoli tieghu fuq informazzjoni li nghatatlu.**

**5. Il-konvenut, sostnut minn martu Jane u ibnu Kevin, jindika li kien xi sena wara li sar x-xoghol ta' tisqif, li kien rega' qabbad lill-attur biex jahdimlu fuq il-parapett, inkluz il-bini ta' pilastri. F'dan il-kuntest il-konvenut jinnota li lill-attur kien gja irritornalu t-travetti, gakkijiet u injam, u kien hallas ghall-"crane".**

**6. Il-konvenut irrileva li biex bnew sitt pilastri damu gurnata u nofs, u li kien hu u ibnu li hadu hsieb li jaqtghu u jillixxaw il-gebel ghal lest.**

**7. Jirrizulta li minn dawn is-sitt pilastri, wiehed inbena parti minnu fil-proprjeta` tal-gara, filwaqt li iehor inbena hazin, in kwantu ir-rixtellu ma kienx jaghlaq bih kif kien. Dawn il-fatti ma gewx kontestati. Il-konvenut kien hatt il-pilastri il-hziena, u ha hsieb jibni tlett kwarti ta' wiehed mill-pilastri. Il-konvenut jghid li l-attur ma gabx ramel mieghu u li dan kien gabu hu stess. Hemm ir-ritratti in sostenn ta' dan. Skond il-konvenut, kien hu li ghamel l-ilqugh. Jirrizulta li biex bena dawn il-pilastri l-attur kellu zewg lavranti, apparti l-attur, jghinuh.**

**8. Hemm kontestazzjoni ukoll in kwantu l-konvenuti qed jsostnu li hallsu tlett mitt lira (Lm300.00) lill-konvenut, pero` dan ma tahomx ricevuta.**

**9. Dwar din l-ahhar allegazzjoni ta' hlas ta' tlett mitt lira, it-Tribunal jirriferi ghan-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur, u jaqbel sa certu punt ma l-argumentazzjoni hemm maghmula. Dana fis-sens illi ma jirrizultax li l-**

**konvenuti qatt eccepew li ma nghatawx ricevuta, lanqas ma jidher li din qatt issemmiet hlief f'din il-kawza. Fil-fatt l-eccezzjoni tal-konvenuti, mhux biss li ma ssemmix li ma nghatawx ricevuta, izda, hija immirata lejn prezz esagerat ghax-xoghol li sar. Dwar korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet, din ghaddiet "minghajr pregudizzju", u t-Tribunal, kuntrarjament ghal dak li qed jghid l-attur, ma jqiesx li din ghandha tikkostitwixxi prova.**

**10. Tenut kont ta' dak kollu li ntqal, it-Tribunal jikkonkludi li tassew l-attur ghamel xoghol lill-konvenuti, pero` dwar id-Dok.JB4, jinnota li ghandhom jitnaqqsu mill-prezz is-segwenti:**

**i. Dwar ix-xoghol ta' tlett pilastri, it-Tribunal jinnota li dan kien minhabba xoghol difettuz da parti ta' l-attur, u ghalhekk dan l-ammont mghandux jehlu l-konvenut. Ghalhekk ghandu jitnaqqas l-ammont ta' sitta u hamsin lira (Lm56.00).**

**ii. Ghandhom jitnaqqsu tletin lira Maltija (Lm30.00) minn disghin lira Maltija (Lm90.00) ammont ghal kiri ta' magna li taqta' l-gebel, in kwantu x-xoghol ma damx tlett gimghat, izda gimghatejn;**

**iii. Hemm konflitt ta' provi dwar l-ammont dovut ghall-kiri ta' travetti u gakkijiet. Pero` jidher li dawn kienu jirrigwardaw xoghol li kien sar qabel, u ma ghandhom xejn x'jaqsmu max-xoghol prezenti. Ghalhekk L-ammont ta' mitejn lira fir-rigward mhux dovut.**

**iv. Dwar is-sittin lira ghat-trasport tar-ramel, jidher, mill-kumpless tal-provi, li dan fil-fatt ingarr mill-konvenut u ghalhekk l-ammont ta' sittin lira fir-rigward ma hux dovut.**

**Ghalhekk l-ammont li hu fil-fatt dovut mill-konvenut lill-attur jammonta ghall-tlett mija u disgha u erbghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm349.25), li flimkien ma' tnejn u hamsin lira Maltija u tminja u tletin centezmu (Lm52.38) VAT, igibu l-ammont ta' erba' mija u wiehed liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm401.63).**

**11. Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' erba' mija u wiehed liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm401.63) u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' erba' mija u wiehed liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm401.63) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------